**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 27 ta' Frar 2020.**

**Avviz Numru 192/2019**

**GMF Precast Limited (C-11521)**

**Vs**

**Rockcut Ltd (C-10164)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici pprezentat fil-5 ta' Settembru 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ammont ta' sitt elef u tmintax-il ewro u disgha u erbghin centezmu (Eur6018.49) rapprezentanti hlas dovut ghal servizzi u xiri ta' prodotti minghandha. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta fis-6 ta' Settembru 2018.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata b'dawn il-proceduri fit-28 ta' Settembru 2019, baqghat ma deheritx quddiem din il-Qorti biex tikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezentat ebda risposta.

Semghet ix-xhieda ta' Maria Brincat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2020 is-socjeta` attrici ddikjarat li m'ghandhiex iktar provi xi tressaq u l-Qorti giet mitluba thalli l-kawza ghas-sentenza.

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

Illi r-rapprezentant tas-socjeta` attrici, Maria Brincat, Direttur u *General Manager* tal-istess socjeta`, ikkonfermat bil-gurament illi l-ammont reklamat mill-istess socjeta` ghadu kollu dovut minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas.

Illi s-socjeta` konvenuta, kif gia inghad hija kontumaci u baqghat qatt ma ressqet l-ebda difiza ghal dak reklamat mis-socjeta` attrici.

Fic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha quddiemha l-ebda verzjoni hlief dik tas-socjeta` attrici u wara li semghet lir-rapprezentant taghha u rat id-dokumenti esebiti, tqis illi t-talba taghha giet debitament ippruvata, hija gustifikata u kwindi ghandha tigi milqugha.

Illi l-Qorti tinnota illi fit-talba taghha s-socjeta` attrici ma talbitx ghall-imghax pero` din il-Qorti xorta ghandha tippronunzja ruhha fir-rigward. Dan qieghed jinghad in vista ta' dak illi jipprovdi s-subartikolu wiehed (1) ta' l-artikolu 1141 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu shih jiddisponi hekk:

*"**1141**. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*

*(2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak in-nhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju,*

*ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."*[1]

Ma hemmx dubbju illi l-obbligazzjoni relattiva ghat-talba attrici hija wahda ta' natura kummercjali u ghaldaqstant l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn meta l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita u ghalhekk il-Qorti se tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici GMF Precast Limited u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Rockcut Ltd thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt elef u tmintax-il ewro u disgha u erbghin centezmu (Eur6018.49) rapprezentanti servizzi u xiri ta' prodotti, bl-imghax kummercjali dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Settembru 2018, kontra s-socjeta` konvenuta.

________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

____________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

[1] Ara f'dan is-sens id-decizjoni **Costantino Abela vs George Azzopardi** (Appell Superjuri 7 ta' Ottubru 2005)